# KUMMISSJONI DWAR Il-VJOLENZA DOMESTIKA

## Rapport Annwali

## Marzu 2006 –Frar 2007

# Werrej


| | Paġna |
|---|---|
| **Messaġġ – Ministru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali** | **5** |
| **Daħla – *Chairperson*** | **6** |
| **1. Introduzzjoni** | **7** |
| **2. Definizzjoni** | **7** |
| **3. It-Twaqqif tal-Kummissjoni** | **7** |
| **4. Funzjonijiet** | **7** |
| **5. Kompożizzjoni tal-Kummissjoni** | **8** |
| **6. Laqgħat tal-Kummissjoni** | **9** |
| **7. Finanzi** | **10** |
| **8. Attivitajiet** | **10** |
| **9. Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali** | **11** |
| **10. Tkabbir ta' konnnoxxenza u għarfien** | **12** |
| 10.1 Għarfien għall-Kummissjoni | **12** |
| 10.2 Għarfien u Kollaborazzjoni għall Professjonisti u dawk l-entitajiet li għandhom kuntatt dirett mal-vjolenza domestika | **12** |
| 10.2.1 Preżentazzjonijet | **13** |
| 10.2.2 Kommunikazzjoni mal-Ġudikatura | **13** |
| 10.3 Għarfien għall-Pubbliku Ġenerali | **13** |
| 10.4 Website | **14** |
| 10.5 Logo | **15** |

**11. Żvilupp ta' Servizz u Politika** **15**
11.1 Laqgħa ma' l-Aġenzija Msemmija li tieħu ħsieb programmi ta' prevenzjoni, terapija u, jew kura għall-vittmi u l-awturi ta' vjolenza domestika **15**
11.2 Laqgħa mas-Sur Joe Gerada. Kap Esekutiv, Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali u Ms Maryanne Gauci, *Adult and Family Service Manager* fl-Aġenzija Appoġġ b'konnessjoni ma' l-istrateġija tal-Kummissjoni dwar is-settur tal-vjolenza domestika **15**
11.3 Laqgħa mad-*Domestic Violence Workers* mill-Agenzija Appogg, Dar Merhba Bik, Dar Qalb ta' Gesu`, Għabex and Dar Tereza Spinelli **16**
11.4 Laqgħa ma' l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, is-Sur Peter Paul Portelli, Ħaddiem Soċjali u s-Sur Laner Cassar, Psikologu **17**
11.5 Sotto-Kumitat dwar Provediment ta' Servizzi **17**

**12. Unjoni Ewropeja u Proġetti Internazzjonali** **17**
12.1 Programm ta' Azzjoni Kommunitarja kontra l-esklużjoni soċjali, 2002-2006 **17**
12.2 Programm Daphne III, 2007-2013 **18**
12.3 Konferenza ta'Livell Għoli organizzata mill-Kunsill ta' l-Ewropa biex tippromovi l-Kampanja sabiex tiġġieled il-Vjolenza kontra n-Nisa, kif ukoll il-Vjolenza Domestika **18**
12.4 Il-Ħatra ta' Uffiċjal Għoli **18**
12.5 Kwestjonarju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar indikaturi dwar il-vjolenza kontra n-nisa u miżuri biex tiġi eliminata din il-vjolenza **19**
12.6 Kwestjonarju tal-WHO **19**
12.7 Kwestjonarju tal-Kunsill ta' l-Ewropa **19**

**13. Xogħol li kien sar mill-*Co-ordinated Response Team* (CRT) dwar il-Vjolenza Domestika, fi ħdan il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali** **19**
13.1 Studju ta' *Focus group* dwar il-bżonnijiet iddentifikati minn dawk li jużaw ix-Xelters **19**
13.2 Linji ta' gwida għall-Pulizija **19**

**14. Riċerka u Statistika** **20**

**15. Konklużjoni** **21**



**Messaġġ**

Kull wieħed u waħda minnha għandu dritt li jgħix ħajja fis-sliem u s-sigurtà. Fuq kollox, kulħadd għandu dritt li jgħix fis-sigurtà ta' djarna u fil-familji tagħna. Il-vjolenza hija problema gravi u intensa li tikkonċerna lis-soċjetà kollha, l-aktar meta jkunu nvoluti n-nisa, t-tfal u l-anzjani. Il-vittmi tal-vjolenza għandhom dritt għall kull protezzjoni u għajnuna li tista' toffrilhom is-soċjetà.

L-ewwel Xelter f'Malta li nfetaħ għan-nisa kien madwar ħamsa u għoxrin sena ilu. Qabel kien jeżisti xettiċiżmu u dubju dwar dan il-qasam. L-għarfien dwar din ir-realta` bdiet tiżdied bil-mod. Illum, teżisti xibka ta' servizzi li joffru sapport u protezzjoni lin-nisa u t-tfal li huma vittmi ta' vjolenza domestika. Matul is-snin saru żviluppi kbar u tibdil fil-leġislazzjoni. Tabilħaqq, it-twaqqif tal-Liġi dwar il-Vjolenza Domestika kien pass sinikattiv u b'riżultat tal-liġi twaqqfet il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika.

Flimkien, ħdimna biex tingħata opportunità lin-nisa u lit-tfal biex ma jibqgħux jgħixu fil-miżerja u f'relazzjonijiet vjolenti. Dan sar permezz ta' numru ta' servizzi provduti minn organizzazzjonijiet pubbliċi u volontarji. In-nisa u t-tfal li jgħaddu minn vjolenza jkollhom bżonn ta' forza billi jingħataw is-sapport u l-għajnuna biex ikollhom il-ħila jerġgħu jibnu ħajjithom mill-ġdid. B'suċċess kbir, irnexxielna nibnu numru ta' servizzi li joffru għajnuna professjonali. Nemmen li għandna nkomplu nsaħħu l-opportunitajiet biex dawk in-nisa u t-tfal li jgħaddu minn vjolenza jingħataw għażla akbar, biex b'hekk huma jiġu mismugħha u emmnuti meta jirrakkontaw xi jkun qed jiġri fid-djar tagħhom. Huma għandhom jingħataw is-sapport u l-assistenza li jkollhom bżonn.

Ir-rwol tal-Kummissjoni huwa li tindika dak li għandu bżonn il-pajjiż biex jiffaċċja r-realtà tal-vjolenza domestika fis-soċjetà tagħna. Dan huwa bażi importanti li jgħin biex jitkomplew l-affarijiet b'mod l-aktar effettiv u effiċjenti fl-interess tal-vittmi. Dan l-ewwel rapport tal-Kummissjoni joffri viżjoni wiesa` ta' kif ser taħdem il-Kummissjoni flimkien ma' entitajiet oħra biex tgħolli l-i*standards*, tikkoordina s-servizzi, kif ukoll iżżid l-għarfien dwar ir-realtà tal-vjolenza.

Nixtieq nirringrazzja lill-membri kollha tal-Kummissjoni u lil dawk kollha li jaħdmu fil-qasam tal-vjolenza domestika. Ejjew nibqgħu bil-fehma li jiġu eliminati kull forom ta' vjolenza, u li l-vittmi kollha ta' vjolenza jkunu ttrattati b'dinjità u rispett.

**Dolores Cristina**
Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali



## Daħla

Il-liġi tal-vjolenza domestika kienet mistennija minn ħafna, l-aktar minn dawk li jaħdmu f'dan il-qasam. Dawn jinkludu numru ta' organizzazzjoniet tan-nisa, dawk li jipprovdu s-servizzi u dawk li jużaw is-servizzi. Din il-liġi, tant mistennija, kienet milqugħha tajjeb meta twaqqfet f'Marzu 2006 u ħafna esprimew it-tama li issa l-affarijiet għandhom jittiejbu għal dawk li jesperjenzaw il-vjolenza domestika. Il-Kummissjoni li ġiet stabbilita skond il-liġi, tagħraf ir-responabbilità li għandha lejn dawn in-nies. Għalhekk qed tagħmel minn kollox biex l-affarijiet jibdew jittranġaw. Aħna konxji li l-affarijiet ma jittranġawx mill-lejl għal nhar, iżda huwa proċess li jieħu ż-żmien. Madanakollu, nħoss, li kif juri l-istess rapport, sar ħafna xogħol utli u hemm il-ħsieb għal ħafna proġetti oħra. Dan seta' jsir biss bil-għajnuna tal-membri tal-Kummissjoni (dawk tal-passat u dawk preżenti), flimkien mas-segretarja, kif ukoll ta' dawk kollha li jaħdmu f'dan il-qasam. Il-ko-operazzjoni minn naħa tal-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali għandha ukoll parti kruċjali f'dan il-proċess..

Madanakollu, dan ma jfissirx li se nieqfu hawn! Nisperaw li s-sena dieħla nibdew naraw l-effetti tax-xogħol li għamilna s'issa, filwaqt li jinbdew proġetti oħra. Il-prijorita` tagħna huwa li jiġi ppubblikat il-pjan ta' azzjoni nazzjonali kontra l-vjolenza domestika u naħdmu biex jiġi stabbilit il-proċess kif tinġabar l-informazzjoni. Dan għandu jwassal biex nifhmu aħjar u tiġi segwita s-sitwazzjoni, kif ukoll xi żviluppi li jista' jkun hemm. Fl-istess ħin, huwa importanti li jingħata tagħrif dwar il-vjolenza domestika, il-konsegwenzi tagħha u l-effetti li jkun hemm fuq il-membri tal-familja u s-soċjeta`.

Nispera li nibdew t-tieni sena b'impenn akbar u b'kuraġġ akbar, sabiex tiġi miġġielda il-pjaga fis-soċjeta` li hija l-vjolenza domestika.

Nirringrazzja li kull membru tal-Kummissjoni għax-xogħol siewi li sar matul is-sena li għaddiet. Nirringrazzja wkoll lill-uffiċjali tal-Ministeru u lil dawk li jipprovdu s-servizzi li kollha għenu u offrew suġġerimenti biex inkunu nistgħu ngħinu lil dawk li esperjenzaw il-vjolenza domestika.

**Marceline Naudi**
*Chairperson*

## 1. Introduzzjoni

Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika ġiet mwaqqfa skond l-Artiklu 3 ta' l-Att dwar il-Vjolenza Domestika. Il-Kummissjoni twaqffet fl-1 ta' Marzu 2006 u r-rwol tagħha huwa li tagħti pariri lill-Ministru responsabbli għall-politika soċjali fuq kull aspett ta' vjolenza domestika.

## 2. Definizzjoni

Il-Att dwar il-Vjolenza Domestika tfisser il-'**vjolenza domestika'** bħala kull att ta' vjolenza, anki jekk verbali biss, li jsir minn membru domestiku wieħed fuq membru domestiku ieħor u tinkludi kull ommissjoni li tikkaġuna ħsara fiżika jew morali lil ħaddieħor.

## 3. Twaqqif tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni ġiet mwaqqfa uffiċjalment nhar il-Ħamis 30 ta' Marzu 2006, mill-Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, l-Onorevoli Dolores Cristina. Preżenti kien hemm is-Sur Joseph Ebejer, Segretarju Permanenti u s-Sur Jesmond Schembri, Kap tas-Segretarjat. Għal din l-okkażjoni, kienu mistiedna wkoll il-fotografi uffiċjali. Ms Marija Schranz, il-Ko-ordinatur tal-Kommunikazzjoni tal-Ministeru, ħarġet stqarrija uffiċjali għall-okkażjoni.

## 4. Funzjonijiet

Il-funzjonijiet tal-Kummissjoni huma mnizzla f'artiklu 4 ta' l-Att dwar il-Vjolenza Domestika, kif indikat hawn taħt.

"Il-Kummissjoni għandu jkollha l-funzjoni li tagħti parir lill-Ministru fuq kull aspett tal-vjolenza domestika u b'mod partikulari fuq:

i. It-tkabbir tal-konoxxenza u l-għarfien tal-vjolenza domestika u dwar il-fastidju u l-konsegwenzi li dawn iġibu u fuq il-modi u l-miżuri biex jitnaqqas l-għemil tagħhom

ii. oqsma ta' vjolenza domestika li hu meħtieġ jew mixtieq li ssir riċerka fuqhom

iii. l-istrateġiji biex tiġi esposta l-vjolenza domestika u biex jiġi faċilitat l-intervent ta' aġenziji u entitajiet pubbliċi u privati fir-rigward ta' vittmi u awturi ta' vjolenza bħal dik

iv. l-edukazzjoni tal-pubbliku fuq aspetti kollha tal-vjolenza domestika

v. il-modi kif tiġi faċilitata l-kommunikazzjoni bejn aġenziji u entitajiet pubbliċi u privati li jkunu involuti fit-teħid ta' azzjoni kontra l-vjolenza domestika

vi. *standards* għall-faċilitajiet ta' kura għall-vittmi u awturi ta' vjolenza domestika, inklużi servizzi jew faċilitajiet ta' kenn pubbliċi jew privati

vii. *standards* u protokoli għall-operaturi

viii. il-proċeduri għall-koordinament effettiv f'livell nazzjonali ta' l-attivitajiet ta' aġenziji u entitajiet pubbliċi u privati mqabbdin fl-għoti ta' servizzi dwar materji ta' vjolenza domestika inklużi servizzi ta' sostenn

ix. pjan komprensiv u koordinat għall-ġbir ta' informazzjoni dwar il-vjolenza domestika biex din tintuża mill-qrati, prosekuturi, uffiċjali ghall-infurżar tal-liġi, operaturi tal-kura fis-saħħa, operaturi soċjali u aġenziji u entitajiet oħra b'mod li tiġi protetta l-identita' tal-vittmi ta' vjolenza domestika

x. l-iżvilupp ta' pjan komprensiv għal programm multi-dixxiplinarju ta' prevenżjoni attiva u ta' intervent kmieni

xi. it-taħriġ speċjalizzat għall-gruppi professjonali involuti u

xii. il-konsultazzjoni li ssir u nisġa ta' komunikazzjoni ma' entitajiet nazzjonali u internazzjonali relevanti oħra."

## 5. Kompożizzjoni tal-Kummissjoni

Meta ġiet imwaqqfa l-Kummissjoni kienet magħmula miċ-*Chairperson* u seba' membri. Il-membri huma kollha esperti f'diversi oqsma li għandhom x'jaqsmu mal-vjolenza domestika. Il-preżenza ta' membru minn Għawdex fil-Kummissjoni jsaħħah l-impenn biex tintlaħaq il-problema tal-vjolenza domestika f'Għawdex ukoll. L-esperjenza wiesa' tal-membri tvarja minn esperjenza diretta fil-linja politika, provediment ta' servizzi, strateġija u riċerka.

Il-membri oriġinali kienu:

Dott. Miriam Camilleri (*Chairperson*)
Sinj.a Maria Attard
Sur Albert Bell
Sr Joan Garner
Dott. Roberta Lepre'
Dott. Marceline Naudi
Sur Cornelius Mulvaney
Spett. Sharon Tanti

Fl-14 ta' Lulju 2006, Dott. Miriam Camilleri tat ir-reżenja tagħha minħabba impenji oħra ta' xogħol. Il-Kummissjoni baqgħet tiltaqa' b'mod informali sakemm f'Diċembru 2006, Dott. Marceline Naudi ġiet maħtura bħala *Chairperson*. Fl-ewwel ta' Jannar 2007, l-Ispettur Louise Calleja ġiet maħtura fuq il-Kummissjoni minflok is-Supretendent Sharon Tanti.

Il-membri preżenti huma:

Dott. Marceline Naudi (*Chairperson*)
Sinj.a Maria Attard
Sur Albert Bell
Spett. Louise Calleja
Sr Joan Garner
Dott. Roberta Lepre'
Sur Cornelius Mulvaney

Bħalissa l-Kummissjoni tinsab b'membru nieqes.

Il-Kummissjoni hija megħjuna mis-Sinj.a Doris Vassallo, bħala Segretarja tal-Kummissjoni.

## 6. Laqgħat tal-Kummissjoni

Bejn Marzu 2006 u Frar 2007, il-Kummissjoni ltaqgħet tnax-il darba, kif ġej:

| | **Data** | **Attendenza** |
|---|---|---|
| Laqgħa 1: | Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2006 | 7/8 |
| Laqgħa 2: | Il-Ħamis 20 ta' April 2006 | 8/8 |
| Laqgħa 3: | It-Tnejn 15 ta' Mejju 2006 | 8/8 |
| Laqgħa 4: | It-Tnejn 12 ta' Ġunju 2006 | 6/8 |
| Laqgħa 5: | L-Erbgħa 26 ta' Lulju 2006 | 6/7 |
| Laqgħa 6: | It-Tnejn 4 ta' Settembru 2006 | 4/7 |
| Laqgħa 7: | It-Tnejn 18 ta' Settembru 2006 | 6/7 |
| Laqgħa 8: | It-Tlieta 17 ta' Ottubru 2006 | 5/7 |
| Laqgħa 9: | L-Erbgħa 15 ta' Novembru 2006 | 6/7 |
| Laqgħa 10: | Il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru 2006 | 3/7 |
| Laqgħa 1: | It-Tlieta 16 ta' Jannar 2007 | 6/7 |
| Laqgħa 2: | It-Tlieta 6 ta' Frar 2007 | 7/7 |

Kull laqgħa damet għal madwar tliet sigħat.
Il-laqgħat saru fil-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, il-Belt Valletta, ħlief għal laqgħa waħda li saret Dar Guzeppa Debono f'Għawdex.

## 7. Finanzi

F'Marzu 2006 meta twaqqfet il-Kummissjoni, ma ngħatatx fondi. Iċ-Chairperson u l-membri tal-Kummissjoni ngħatalhom onoraria ta' Lm 1,000 u Lm 750 rispettivament. F'Jannar 2007, il-Kummissjoni ngħatat baġit ta' Lm 10,000 li minnu jridu jitħallsu l-onoraria, filwaqt li Lm 3,750 li jibqa' jiġu utilizzati għall-proġetti kif il-Kummissjoni taħseb li hu l-aħjar. Il-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali jikkometti ruħu li jipprovdi fondi minn riżorsi oħra skond il-ħtieġa għall-proġetti li jistgħu jgħinu lill-Kummissjoni fil-ħidma tagħha.

## 8. Attivitajiet

Bejn Marzu 2006 u Frar 2007, iċ-*Chairperson* u l-membri tal-Kummissjoni ġew mistiedna biex jattendu u jieħdu sehem f'diversi attivitajiet, kif jidher hawn taħt. Membru jew aktar flimkien mas-Segretarja tal-Kummissjoni attendew għall-attivitajiet kollha. Il-parteċipazzjoni tal-membri f'diversi seminars għen biex il-Kummissjoni ssir aktar magħrufa u tenfasizza l-aspetti ta' Vjolenza Domestika f'Malta.

- Laqgħa nformali għan-nisa li huma f'pożizzjoniet ta' deċiżjoniet li saret fil-Kavalieri ta' San Gakbu biex jiġi ċċelebrat Jum Internazjonali tal-Mara, organizzata mill-Kummissjoni għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza, nhar it-8 ta' Marzu 2006.

- Il-ftuh ta' sezzjoni ġdida f'Dar Merħba Bik, Xelter għan-nisa u t-tfal tagħhom li jesperjenzaw il-vjolenza domestika, organizzata mis-Sorijiet tal-Bon Pastur u mis-Sinj.ra Anne Cachia, nhar it-8 ta' Marzu 2006.

- Parteċipazzjoni f'Seminar Konsultativ dwar l-*EU Green Paper on Mental Health: Improving the mental health of the population – Towards a strategy on mental health for the European Union*, organizzat mill-Fondazzjoni Richmond, fil-Kavalieri ta' San Gakbu, nhar il-21 ta' April 2006.

- Parteċipazzjoni f'*focus group*, bit-titlu *Partners in Government*, organizzat mill-Ministeru tas-Saħħa, Anżjani u il-Kura fil-Kommunità bħala parti mill-proċess Konsultativ dwar il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Inklużjoni Soċjali (Kapitlu dwar is-Saħħa u l-Kura fit-Tul) li sar fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni tas-Saħħa, nhar il-5 ta' Mejju 2006.

- Seminar fuq *Parenting*, biex jiġi ċċelebrat il-Jum Internazzjonali tal-Familja, organizzat mill-Kummissjoni Nazzjonali tal-Familja (KNF), fiċ-Ċentru Ħidma Soċjali, nhar il-15 ta' Mejju 2006.

- Parteċipazzjoni f'Seminar dwar il-Vjolenza Domestika, organizzat mill-Għaqda Studenti tal-Liġi, fl-Università ta' Malta, nhar il-31 ta' Ottubru 2006.

- Parteċipazzjoni f'Seminar dwar il-Liġi tal-Vjolenza Domestika organizzat mill-Assoċjazzjoni ta' Psikologi Maltin, li sar fil-*Professional Centre* nhar il-15 ta' Novembru 2006.

- Wirja biex tfakkar il-Jum Internazzjonali ta' l-Eliminazzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa – 25 ta' Novembru, organizzata mill-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika, mtella' fil-bitħa nterna tal-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, bejn l-20 ta' Novembru 2006 u l-11 ta' Diċembru 2006.

- Konferenza Internazzjonali biex tippromovi l-Kampanja '*Stop Violence against Women, including Domestic Violence'* organizzata mill-Kunsill ta' l-Ewropa f'Madrid, nhar is-27 ta' Novembru 2006.

- Parteċipazzjoni f'seminar dwar *Gender Violence* organizzat minn Dott. Ruth Farrugia u l-istudenti tal-Fakulta' tal-Liġi li sar fl-Università ta' Malta, nhar is-6 ta' Dicembru 2006.

- Konferenza Nazzjonali bit-titlu *Enhancing Social Inclusion – Moving Forward Together*, organizzata mid-Direttorat għal Żvilupp ta' *Policy* u Implimentazzjoni tal-Programm fi ħdan il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, li saret f'Le Meridien Phoenicia, nhar is-26 ta' Jannar 2007.

- Konferenza għat-tielet anniversarju organizzata mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza, li saret fil-Lukanda Dolmen, nhar id-9 ta' Frar 2007.

- Parteċipazzjoni f'Konferenza bit-titlu '*How can Social Work Services better meet the Needs of People in our Communites*' organizzata mill-Assoċjazzjoni Maltija tal-Ħaddiema Soċjali b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Politika Soċjali u Ħidma Soċjali ta' l-Università ta' Malta, li saret fil-Lukanda Westin Dragonara bejn 16-17 ta' Frar 2007.

Il-Kummissjoni kienet mistiedna wkoll biex tieħu sehem f'Konferenza Nazzjonali dwar il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Inklużjoni Soċjali – Saħħa u Kura fit-Tul, organizzat mill-Ministeru tas-Saħħa, Anżjani u Kura fil-Kommunità, nhar is-16 ta' Mejju 2006. Iċ-*Chairperson* ma setgħetx tattendi.

## 9. Pjan Nazzjonali ta'Azzjoni dwar il-Vjolenza Domestika

Mill-bidu nett, il-Kummissjoni ħasset il-bżonn li jinkiteb Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar il-prevenzjoni, intervenzjoni bikrija kif ukoll sapport u *follow-up* ta' dawk il-persuni li qed jgħaddu minn vjolenza domestika, jew li jwettqu vjolenza, u terżi persuni, bħal ma huma t-tfal u dipendenti oħra. Il-Kummissjoni qablet li biex tilħaq dan il-għan, jeħtieġ li tifhem (a) l-istruttura u r-relazzjonijiet li jeżisti bejn l-entitajiet li jiltaqgħu ma' persuni li jgħaddu minn vjolenza domestika, jew li jwettqu vjolenza u (b) kemm jintużaw is-

servizzi. B'hekk ikunu jistgħu jiġu ddentifikati l-punti pożittivi u negattivi tas-sistema. Sabiex jinkiteb dan il-pjan ta' azzjoni nazzjonali, jeħtieġ li l-Kummissjoni taħdem ma' l-entitajiet involuti, b'hekk il-pjan ikun ta' kulħadd. Il-pjan ta' azzjoni nazzjonali għandu jfassal l-oġġettivi, l-miri u r-rakkomandazzjoniet fil-qasam ta' prevenżjoni, ta' intervent kmieni, sapport u *follow-up*.

Il-Kunsill ta' Ewropa ħareġ linji ta' gwida magħruf bħala *blueprint* għall-kampanja biex tiġi eliminata l-vjolenza kontra n-nisa, inkluża l-vjolenza domestika. Dan qed jiġi kkunsidrat bħala il-bażi biex jiġi żżviluppat il-Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni għal Malta f'dan is-settur.

## 10. Tkabbir ta' konnoxxenza u għarfien

### 10.1 Għarfien għall-Kummissjoni

Il-Kummissjoni taqbel li hemm diversi levelli ta'għarfien. Il-Kummissjoni ħasset li l-membri tagħha li mhumiex involuti direttament f'dan il-qasam għandhom jingħataw it-tagħrif meħtieg. Għaldaqstant, saru preżentazzjonijiet u diskussjoni mill-membri stess. Is-suġġetti kienu:

- 'Ħarsa lejn is-servizzi għall-persuni li jesperjenzaw il-vjolenza domestika' minn Dott. Marceline Naudi
- 'Vjolenza Domestika: Żviluppi riċenti fil-liġi' minn Dott. Roberta Lepre`
- 'Il-Pulizija: Statistika 2003-2005' minn Sup Sharon Tanti

### 10.2 Għarfien u Kollaborazzjoni: Professjonisti u dawk l-entitajiet għandhom kuntatt dirett mal-vjolenza domestika

Livell ieħor ta' għarfien huwa dak ta' professjonisti u entitajiet oħra li għandhom kuntatt dirett mal-vjolenza domestika. Il-Kummissjoni bagħtet madwar sittin ittra lil professjonisti li għandhom x'jaqsmu direttament u ndirettament mal-vjolenza domestika. Dawn jinkludu indivdwi, aġenziji, dipartimenti governattivi, kummissjonijiet appuntati mill-gvern, organizzazzjonijiet professjonali u NGOs, kif ukoll organizzazzjonijiet tal-Knisja. L-iskop ta' dawn l-ittri kien li tiġi faċilitata l-komunikazzjoni bejn l-Kummissjoni w l-entitajiet. Dan għandu jkun l-ewwel pass biex jinkiteb il-pjan ta' azzjoni nazzjonali. Il-Kummissjoni rċeviet numru ta' risposti fejn ħafna minnhom esprimew ix-xewqa li jgħinu lill-Kummissjoni tiġġieled kull aspett ta' vjolenza domestika. Dawn ir-risposti kienu kkunsidrata bħala pożittivi mill-Kummissjoni. Dan il-kuntatt u l-laqgħat, fejn jeħtieġ, mal-organizzazzjoniet ħa jitkompla.

### 10.2.1 Preżentazzjonijiet

Membri tal-Kummissjoni ħadu sehem f'żewġ seminars organizzati mill-istudenti tal-liġi, ieħor mill-Assoċjazzjoni tal-Psikologi Maltin u ieħor mill-Assoċjazzjoni tal-Ħaddiema Soċjali ta' Malta bil-kollaborazzjoni tad-Dipartiment tal-Politika Soċjali u Ħidma Soċjali ta' l-Università ta' Malta. B'dan il-mod, il-Kummissjoni kellha ċ-ċans tqajjem kuxjenza dwar aspetti ta' vjolenza domestika, kif ukoll dwar żviluppi li saru fil-liġi riċentament mal-professjonisti li għandhom kuntatt ma' l-aspett ta' vjolenza domestika.

### 10.2.2 Kommunikazzjoni mall-Ġudikatura

Il-preżentazzjoni dwar il-liġi wriet li l-Ġudikatura għandhom rwol importanti biex il-liġijiet il-ġodda jiġu attwati u jagħtu r-riżultati mixtieqa. Għaldaqstant, huwa importanti li jkunu nfurmati dwar is-sitwazzjoni tal-vjolenza domestika kif ukoll dwar l-iżviluppi riċenti li saru fil-liġi. Il-Kummissjoni ħasbet f'diversi modi kif jista` jsir dan, fil-fatt anke kien issuġġerit li ssir laqgħa soċjali għall-Maġistrati u għall-Imħallfin mill-Ministru. Fil-bidu ta' Ġunju, l-Kummissjoni resqet il-proposta tagħha lill-Ministru, u kien hemm il-ħsieb li din l-attivita` ssir lejn nofs Lulju. Din l-attivita` kellha titħassar, minħabba r-riżenja taċ-*Chairperson*. Il-Ministru reġgħet ġiet avviċinata fis-6 ta' Jannar 2007, b'idejat ġodda kif il-Kummissjoni tista' tikkommunika mal-Ġudikatura bl-aħjar mod.

## 10.3 Għarfien għall-Pubbliku Ġenerali

Il-Kummissjoni temmen li l-għarfien lill-pubbliku għandu jsir wara dak li jingħata lill-professjonisti. L-Aġenzija Appoġġ qablet ukoll ma' din l-ideja. Madankollu, il-Kummissjoni tħoss li il-pubbliku għandu jingħata tagħrif limitat. Minħabba li għas-sena 2006, il-Kummissjoni kellha nuqqas ta' fondi u riżorsi umani, riedet tfittex il-kollaborazzjoni ta' entitajiet oħra bħal l-Aġenzija Appoġġ jew tipprova tikseb fondi mill-Unjoni Ewropea jew proġetti oħra. Minħabba nuqqas ta' riżorsi, u biex tevita duplikazzjoni ta' riżorsi il-Kummissjoni xorta waħda ser tfittex l-għajnuna ta' entitajiet oħra. F'dan il-kuntest, intbagħtet ittra lill-Kap Esekutiv tal-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali, fejn il-Kummissjoni talbet li tiġi mgħarfa u kkonsultata meta jiġu biex jippjanaw u jimplimentaw il-pjanijet tas-*social marketing* f'dak li għandu x'jaqsam mal-vjolenza domestika. Is-Sur Joe Gerada, Kap Esekutiv tal-Fondazzjoni qabel li l-Kummissjoni għandha tiġi nfurmata dwar kampanji li jistgħu jsiru fil-futur dwar il-vjolenza domestika.

Meta ħasset li stabbilit ruħha, l-Kummissjoni bdiet tieħu sehem fi programmi fuq il-*media*, kif jidher aktar l-isfel. L-għan prinċipali kien li l-Kummissjoni ssir magħrufa filwaqt li turi li l-problema ta' vjolenza domestika teżisti f'Malta.

L-ewwel attività li saret mill-Kummissjoni kienet Wirja biex tfakkar il-Ġurnata Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni ta' Vjolenza kontra n-Nisa – 25 ta' Novembru.

- Wirja biex tfakkar l-Eliminazzjoni ta' Vjolenza kontra n-Nisa – 25 ta' Novembru

  Il-Wirja ttelgħet fil-bitħa nterna tal-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali fil-Belt Valletta mill-20 ta' Novembru 2006 sal-11 ta' Diċembru 2006. Il-wirja kienet miftuħa għall-pubbliku. Din il-wirja kienet organizzata mill-Kummissjoni bil-parteċipazzjoni tad-*Domestic Violence Unit* mill-Aġenzija Appoġġ, ix-Xelters, u studenti mill-Iskejjel Sekondarji. Il-wirja kienet tinkludi nformazzjoni dwar is-servizzi provduti mix-Xelters. In-nisa u t-tfal li joqogħdu fix-Xelters kellhom l-opportunita' li jesebixxu tpinġija u xogħol ta' l-idejn. L-edukazzjoni għandha rwol importanti biex tiġi eliminata l-vjolenza domestika, għalhekk studenti minn skejjel sekondarji ġew imħajra biex jagħtu sehemhom billi jesebixxu tpinġija. Għall-okkażjoni l-Kummissjoni ħarġet stqarrija uffiċjali.

- Attivita' f'Għawdex

  Il-Ġurnata Internazzjonali biex tiġi Eliminata l-Vjolenza kontra in-Nisa ġiet imfakkra permezz ta' taħdita li saret għall-istudenti sekondarji ta' bejn l-erbatx u ħmistax-il sena mill-għalliema tal-*Personal Social Development*. Dan is-suġġett huwa parti mis-sillabus tagħhom. Wara kien hemm diskussjoni bil-parteċipazzjoni ta' l-istudenti.

- Artiklu miktub minn Dott. Roberta Lepre` bit-titlu 'Vjolenza Domestika: Żviluppi riċenti fil-liġi' li dehret fis-*Sunday Times* ta' Novembru 2006.

- Il-Kummissjoni ħarġet stqarrija għall-istampa wara li ħadet sehem f'Konferenza tal-Kunsill ta' l-Ewropa biex tippromovi Kampanja biex tiġi eliminata l-vjolenza kontra n-nisa kif ukoll il-vjolenza domestika f'Novembru 2006.

- Ħadet sehem fi programm 22am li deher fuq Channel 12 fit-19 ta Jannar 2007 u fit-2 ta' Frar 2007.

- Intervista mill-ġurnalista Juan Ameen li dehret fil-*Malta Independent* tad-29 ta' Jannar 2007.

- Intervista bit-telefon li xxandret mill-RTK fil-5 ta' Frar 2007.

- Ħadet sehem fi programm *Teen Trouble* fuq Net Television fis-26 ta' Frar 2007.

## 10.4 Website

Is-sit elettroniku tal-Kummissjoni ser ikun jagħmel parti minn dik tal-Ministeru. L-informazzjoni ser tinkludi tagħrif fuq il-Kummissjoni, l-liġi dwar il-Vjolenza Domestika kif ukoll siti ta' organizzazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-vjolenza domestika.

## 10.5 Logo

Wara li mxiet mal-proċeduri normali, fejn il-Kummissjoni talbet tliet stimi għad-disinn tal-*logo*, issa waslet biex iddeċidiet liema wieħed tagħżel li jindika l-identità tagħha.

# 11. Żvilupp ta' Servizz u Politika

## 11.1 Laqgħa ma' l-Aġenzija Msemmija li tieħu ħsieb programmi ta' prevenzjoni, terapija u, jew kura għall-vittmi u l-awturi ta' vjolenza domestika

Saret laqgħa bejn il-Kummissjoni u s-*Senior Management Team* ta' l- Aġenzija Appoġġ u *Research Executive* tal-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali fil-31 ta' Mejju 2006. L-Aġenżija u l-Kummissjoni fehmu li għandu jkun hemm kollaborazzjoni bejniethom. Kien hemm qbil fuq diversi affarijiet oħra inkluż attività għall-professjonisti, kif ukoll li f'Novembru ssir attività oħra biex tiġi ċċelebrata l-Jum Internazzjonali għall-Vjolenza kontra n-Nisa. Din l-attività twettqet permezz ta' wirja kif semmejna qabel. Prijorità oħra għandha tkun dwar kif tinġabar l-informazzjoni u kif tinżamm l-istatistika. Kien hemm qbil ukoll fuq il-bżonn ta' taħriġ għall-professjonisti, il-bżonn ta' aktar ħaddiema soċjali li jkunu mħarġa f'tipi ġodda ta' vjolenza, bħal dik mwettqa minn adoloxxenti. Qed jinħass ukoll il-ħtieġa li jiżdied in-numru ta' psikologi għat-tfal. L-Aġenzija Appoġġ taqbel li jinkiteb Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali fuq il-vjolenza domestika u lesta li tgħaddi l-istatistika u r-rapporti tagħha lill-Kummissjoni. Qablu wkoll li jitwaqqaf sotto-kumitat bil-għan li jiffli s-servizzi provduti u jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar azzjonijiet li għandha tieħu biex jittejbu s-servizzi. Wara din il-laqgħa ntbagħtet ittra lill-Kap Esekutiv tal-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali fejn talbet li l-Kummissjoni għandha tiġi nfurmata dwar x'domanda jkollhom għas-servizzi u dwar xi tibdil li jista' jkun hemm.

## 11.2 Laqgħa mas-Sur Joe Gerada, Kap Esekutiv, Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali u Ms Maryanne Gauci, *Adult and Family Service Manager* fl-Aġenzija Appoġġ b'konnessjoni mal-viżjoni tal-Kummissjoni dwar is-settur tal-vjolenza domestika.

Fil-5 ta' Ottubru 2006, membri tal-Kummissjoni ltaqgħu mas-Sur Joe Gerada, Kap Esekutiv, Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali u Ms Maryanne Gauci, *Adult and Family Service Manager* fl-Aġenzija Appoġġ. Il-Kummissjoni qajmet punti importanti dwar servizzi provduti mill-Aġenzija Appoġġ u kif jistgħu jiġu mtejba għall-benefiċċju ta' dawk li jużaw is-servizzi.

Il-punti kienu jinkludu:

⇒ il-kitba ta' Pjan ta' Azzjoni dwar is-settur tal-vjolenza domestika bil-għajnuna ta' dawk kollha li għandhom x'jaqsmu ma' dan is-settur;
⇒ il-problema ta' għajnuna legali limitata għal dawk li jużaw is-servizzi;
⇒ il-ħtieġa li jingħata tagħrif dwar il-liġi l-ġdida dwar il-vjolenza domestika kemm lill-professjonisti kif ukoll lill-pubbliku ġenerali;
⇒ in-nuqqas ta' psikologi;
⇒ l-importanza ta' l-evalwazzjoni tas-servizzi;
⇒ il-ħtieġa li nkunu nfurmati dwar l-istatistika

## 11.3 Laqgħa mad-*Domestic Violence Workers* mill-Aġenzija Appoġġ, Dar Merħba Bik, Dar Qalb ta' Ġesu`, Għabex u Dar Tereża Spinelli

Fit-3 ta' Ottubru 2006, il-membri tal-Kummissjoni ġew mistiedna biex jattendu laqgħa tad-*Domestic Violence Workers Forum*, li saret f'Dar Merħba Bik. Dan il-forum jinkludi ħaddiema soċjali mit-taqsima tal-vjolenza domestika u mix-Xelters li jeżistu f'Malta li jipprovdu servizzi għall-persuni li soffrew il-vjolenza domestika. F'din il-laqgħa tqajjmu diversi problemi li jiltaqgħu magħhom il-ħaddiema soċjali fil-ħidma tagħhom. Saru wkoll suġġerimenti kif jistgħu jittejbu l-proċeduri u s-servizzi. Il-Kummissjoni ssuġġerit li għandu jsir evalwazzjoni tas-servizzi li qed jiġu provduti. Mir-riżultati l-Kummissjoni tkun tista' tara b'mod aktar ċar it-titjib neċessarju fis-servizzi mogħtija.

Aspetti diskussi jinkludu:

⇒ il-problema li n-nisa jkollhom biex jingħataw għajnuna legali effettiva;
⇒ il-biża` li n-nisa jkollhom meta jiftħu kawża kontra l-aggressur. Din il-biża tiżdied minħabba t-tul taż-żmien li jittieħed biex tinstema' l-kawża (għalkemm fil-liġi hemm il-provediment tal-*fast-track*) kif ukoll li l-*protection order* mhux qed tiġi mogħtija;
⇒ il-ħtieġa urġenti li joħorġu linji ta' gwida għall-Korp tal-Pulizija, kif ukoll taħriġ għall-Pulizija;
⇒ il-ħtieġa li jkun hemm ko-ordinazzjoni bejn il-Pulizija, ir-Reġistratur tal-Qorti u l-Ġudikatura biex jitħaffu l-proċeduri f'każi ta' vjolenza domestika (dawn jinkludu t-twaqqif ta' medjazzjoni meta jiġi ddeterminat każ ta' vjolenza domestika);
⇒ tobba privati m'humiex lesti li jiċċertifikaw ġrieħi li setgħu ġew ikkawzati minn vjolenza domestika;
⇒ nuqqas ta' riżorsi umani kemm fiċ-*Child Protection* u fil-*Psychological Services* li jfixkel il-progress ta' dawk il-persuni li jużaw is-servizzi tad-*Domestic Violence Unit*

### 11.4 Laqgħa ma' l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, is-Sur Peter Paul Portelli, Ħaddiem Soċjali u is-Sur Laner Cassar, Psikologu

Il-Kummissjoni tagħraf li s-sitwazzjoni rigward il-vjolenza domestika f'Għawdex hija speċifika għal Għawdex u għalhekk għandha pjaċir li għandha membru Għawdxi li huwa aktar midħla mad-differenzi li jeżistu. Mill-bidu nett il-Kummissjoni qablet li tiltaqa' darba jew tnejn fis-sena f'Għawdex. L-ewwel laqgħa li saret f'Għawdex kienet dik ta' l-4 ta' Settembru 2006 u li saret f'Dar Gużeppa Debono. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, is-Sur Peter Paul Portelli, Ħaddiem Soċjali u s-Sur Laner Cassar, Psikologu. L-għan ta' din il-laqgħa kien li l-Kummissjoni ssir aktar konxja tal-problemi tal-vjolenza domestika li jeżistu f'Għawdex. Is-Sur Peter Paul Portelli u s-Sur Laner Cassar semmew il-fatt li minħabba li Għawdex hija kommunità żgħira, jiltaqgħu ma' ħafna ostakli waqt li jkunu qed jippruvaw isolvu każijiet ta' vjolenza domestika. Kien imsemmi wkoll il-fatt li f'Għawdex ma hemmx post tal-Gvern li fih jista' jilqa' lil kull min ikollu xi problema u li jkun miftuħ erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. L-Isqof Mons Mario Grech qabel li f'Għawdex hemm każijiet ta' vjolenza domestika moħbija. L-Isqof qabel ukoll mal-proposta li għamlitlu l-Kummissjoni li l-aspett ta' vjolenza domestika jiġi diskuss fil-Kulleġġ tal-Kappillani.

### 11.5 Sotto Kumitat dwar Provediment ta' Servizzi

Wara numru ta' laqgħat li l-Kummissjoni kellha ma' aġenziji li joffru servizzi ta' għajnuna, iddeċidiet li twaqqaf sotto-kumitat biex iħares lejn is-servizzi provduti u jara li jkun hemm ftehim bejn in-nies u l-aġenziji li huma nvoluti direttament. Dan is-sotto-kumitat huwa magħmul minn rapreżentanti tal-Kummissjoni, mill-Aġenzija Appoġġ, persuna li kienet jew għadha tuża s-servizz, rappreżentant minn Għawdex, u mill-organizzazzjoniet mhux governativi bħal Dar Merħħa Bik, Dar Qalb ta' Ġesu` u Dar Tereża Spinelli. Dan il-kumitat wasal biex jiġi mwaqqaf.

## 12. Unjoni Ewropeja u Proġetti Internazjonali

### 12.1 Programm ta' Azzjoni Komunitarju kontra l-esklużjoni soċjali 2002-2006

Fil-bidu ta' Ġunju, il-*Malta Resource Centre* u l-*Impetus Europe Consulting Group Ltd* avviċinaw il-Kummissjoni għax kien hemm il-possibbilta` li tkun tista' tieħu sehem fi proġett li jagħti tagħrif rilevanti ma' l-inklużjoni soċjali u protezzjoni. Il-Kummissjoni qablet li tkun parti minn dan il-proġett flimkien ma' organizzazzjoniet oħra, għax b'dan il-mod setgħet tiffoka fuq proġett żgħir. Il-Kummissjoni nnominat persuna waħda biex tattendi l-ewwel laqgħa ta' tagħrif li kellha ssir mill-*Malta Resource Centre*. Sfortunatament, fl-aħħar ta' Ġunju, il-Kummissjoni ġiet infurmata li l-proposta għall-proġett ma setgħetx titwettaq.

## 12.2 Programm Daphne III, 2007-2013

Wara laqgħa li ċ-*Chairperson*, Dott Marceline Naudi kellha fis-17 ta' Jannar 2007, mas-Sur Bryan Magro u s-Sur Jesmond Schembri, uffiċjali tal-Ministeru, kien deċiż li membru tal-Kummissjoni jinħatar bħala rappreżentant ta' Malta fuq il-Programm Daphne III. Din il-ħatra tkun effettiva minn Jannar 2007. Il-Programm Daphne III hu mifrux fuq perjodu ta' seba' snin, jiġifieri minn Jannar 2007 sa Diċembru 2013. L-għan ta' dan il-program huwa biex jipprevjeni u jiġġieled l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħazagħ u n-nisa u biex jipproteġi l-vittmi u l-gruppi f'riskju. Id-Daphne III huwa parti minn programm ġenerali 'Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja'. Dan il-programm ikompli jibni fuq il-linji politiċi u objettivi stabilliti fl-ewwel programm Daphne u l-programm Daphne II. L-objettivi speċifiċi tal-programm huma mmirati lejn prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza, inkluż l-esplojtazzjoni sesswali u t-traffikar fi bnedmin, li jseħħu fil-kamp pubbliku jew privat.

## 12.3 Konferenza ta' Livell Għoli organizzata mill-Kunsill ta' l-Ewropa biex tippromovi l-Kampanja sabiex tiġġieled il-Vjolenza kontra n-Nisa, kif ukoll il-Vjolenza Domestika

Il-Kunsill ta' l-Ewropa organizza konferenza f'Madrid għall-uffiċjali ta' livell għoli mill-pajjiżi membri. L-għan ta' din il-konferenza kien biex tippromovi il-kampanja sabiex tikkumbatti l-Vjolenza kontra n-Nisa, kif ukoll il-Vjolenza Domestika. Din il-kampanja tibqa' sejra sa l-2008 u ser jieħdu sehem gvernijiet, parlamenti u awtoritajiet lokali. L-għan ta' din il-kampanja huwa li titqajjem kuxjenza pubblika dwar il-vjolenza kontra n-nisa b'hekk tinkoraġġixxi l-introduzjonijiet ta' liġijiet ġodda sabiex tiġi miġġielda l-vjolenza. Il-Kunsill ta' l-Ewropa ppubblikaw *blueprint* li fih suġġerimenti għall-pajjiżi kollha li qed jieħdu sehem fuq kif wieħed jista' jiġġieled l-vjolenza. Hemm il-ħsieb li l-Kummissjoni tieħu sehem f'din il-kampanja Ewropeja u sa fejn hu possibbli tilħaq dak li ġie mitlub mill-Kunsill ta' l-Ewropa. Il-Kummissjoni bdiet tiddiskuti ċerti aspetti ndikati fil-*blueprint*. Hemm il-ħsieb ukoll li tkompli taħdem ma' l-aġenziji ewlenin li jaħdmu fil-qasam tal-vjolenza domestika, sabiex jintlaħaq l-għan tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

## 12.4 Il-Ħatra ta' l-Uffiċjal ta' Livell Għoli

Iċ-*Chairperson* tal-Kummissjoni ġiet maħtura mill-Gvern bħala l-Uffiċjal ta' Livell Għoli sabiex tkun tista' tikkomunika mall-Kunsill ta' l-Ewropa dwar dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Kampanja tal-Kunsill ta' l-Ewropa. L-Uffiċjali kollha ta' Livell Għoli għandhom jippreżentaw rapport dwar l-attivitajiet u riżultati li joħorġu mill-kampanja nazzjonali tal-pajjiż.

## 12.5 Kwestjonarju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar indikaturi dwar il-vjolenza fuq in-nisa u miżuri biex tiġi eliminata din il-vjolenza

F'Mejju 2006, il-Kummissjoni ġiet mitluba timla kwestjonarju li ġie mibgħut mil-i*Special Rapporteur* tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Vjolenza kontra in-Nisa, il-kawżi u l-konsegwenzi. Bħalma ntqal aktar 'il fuq, dan l-eżerċizzju wera biċ-ċar il-problemi li hemm dwar informazzjoni u statistika, kif ukoll in-nuqqas ta' statistika nazzjonali li tagħti stampa ċara tas-sitwazzjoni tal-vjolenza domestika.

## 12.6 Kwestjonarju tal-WHO

Il-Kummissjoni ġiet mitluba timla kwestjonarju li ntbagħat mill-WHO intitolat ADRISK dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza u r-riskju fl-imġieba bejn iż-żgħażagħ. Dan il-kwestjonarju sar bil-kollaborazzjoni ta' Dott. T. Firman Tilney li hija l-*focal point* tad-Dipartiment tas-Saħħa.

## 12.7 Kwestjonarju tal-Kunsill ta' l-Ewropa

F'Jannar 2007, il-Kummissjoni rċeviet u mliet kwestjonarju mingħand il-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-kampanja ta' azzjoni nazzjonali kontra l-vjolenza fuq in-nisa, kif ukoll l-vjolenza domestika.

# 13. Xogħol li kien sar mill-*Co-ordinated Response Team* (CRT) dwar il-Vjolenza Domestika, fi ħdan il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali

Sa mill-bidu nett, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħmel użu u tkompli tibni fuq xogħol li kien sar mill-kumitat preċedenti (*Co-ordinated Response Team on Domestic Violence*). Dan il-kumitat kien imwaqqaf fi ħdan il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali. Ix-xogħol iddentifikat huwa:

**13.1** L-ewwel wieħed kien studju tal- ***focus group* dwar il-bżonnijiet iddentifikati minn dawk li jużaw ix-Xelters**. L-informazzjoni li nġabret kienet ppreżentata lill-Kumitat. Kienu ddentifikati aspetti relevanti li jistgħu jgħinu lill-Kummissjoni fl-istrateġija tagħha.

**13.2** Xogħol importanti ieħor kien it-tfassil ta' **linji ta' gwida għall-pulizija**. Dawn il-gwidi kienu mfassla minn uffiċjali tal-pulizija li kienu attendew ġimgħa ta' taħriġ fl-1997. Dan it-taħriġ kien organizzat mill-*vice squad police* u l-ħaddiema soċjali li kienu jaħdmu fi ħdan is-*Social Welfare Development Programme* (li wara sar

magħruf bħala Appoġġ). Dawn il-linji ta' gwida kienu ġew ppublikati minn Nazzjonijiet Uniti. Il-*Co-ordinated Response Team* kien għarraf lill-Kummissarju tal-Pulizija b'dawn il-linji ta' gwida u l-Assistent Kummissarju ħaseb biex jinkitbu l-linji ta' gwida mill-ġdid. Wara li nħarġet il-liġi l-ġdida, l-Assistent Kummissarju kellu jaġġorna dawn il-linji ta' gwida. Meta jitlestew, għandhom jiġu mqassma lill-uffiċjali tal-pulizija bħala ċirkulari. S'issa, il-Kummissjoni għadha ma rċeviethomx. Il-Kummissjoni issa talbet laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali qegħda wkoll taħdem flimkien mal-Pulizija biex fil-futur qrib jiġu finalizzati dawn il-linji ta' gwida.

## 14. Riċerka u Statistika

Aspett importanti ieħor huwa li tinġabar informazzjoni relevanti u statistika dwar il-vjolenza domestika. L-informazzjoni li qed tinġabar bħalissa mhix iċċentralizzata. Kull entita tiġbor l-istatistika skond il-ħtieġa tagħha. Dan jista' jwassal għal diskrepanzi fil-ġbir ta' informazzjoni.

Minn stħarriġ li sar minn membru tal-Kummissjoni nstabu diversi studji dwar l-aspetti ta' vjolenza domestika li saru minn numru ta' *undergraduate students* ta' Università. Iżda jirriżulta li hemm nuqqas ta' studji fuq il-prevalenza. Din is-sitwazzjoni dehret aktar ċara meta l-Kummissjoni kellha tirrispondi kwestjonarju ta' l-i*Special Rapporteur* tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-indikaturi ta' vjolenza kontra n-nisa u miżuri biex tiġi eliminata din il-vjolenza.

Qabel ir-riżenja taċ-*Chairperson*, il-Kummissjoni kienet diġa` bdiet tiddiskuti din il-problema. Issa reġa' tqajjem dan il-punt. Qed tiġi kkunsidrata laqgħa ma' l-Uffiċċju ta' l-Istatistika Nazzjonali. Il-Kummissjoni ser tara liema ndikaturi jintużaw fil-qasam internazzjonali għal studju dwar il-vjolenza domestika. Hemm il-ħsieb ukoll li tieħu sehem f'riċerki internazzjonali. Fil-fatt, il-Kummissjoni kitbet lill-Kap Esekutiv tal-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali fejn talbet li tiġi nfurmata fuq studji li jqisu il-proċessi u r-riżultati relevanti għal-vjolenza domestika. Il-Kummissjoni ppruvat tagħmel kuntatt fir-rigward ta' proġetti ta' l-IVAWS, fejn talbet informazzjoni biex tkun tista' tieħu sehem f'dawn il-proġetti. B'hekk, il-Kummissjoni tkun qed tħeġġeġ fit-tqabbil ta' studji ddettaljati u nformazzjoni dwar il-vjolenza domestika f'Malta. Hemm il-ħsieb li jitwaqqaf Sotto-kumitat dwar ir-Riċerka u l-iStatistika.

## 15. Konklużjoni

Il-Kummissjoni xorta waħda kompliet bil-ħidma tagħha, minkejja li fl-ewwel sena tagħha kien hemm r-riżenja taċ-*Chairperson*, u l-Kummissjoni baqgħet mingħajr *Chairperson* għal tul ta' żmien. Il-Kummissjoni bdiet tikkomunika ma' l-parti kbira ta' l-entitajiet li għandhom x'jaqsmu direttament u ndirettament mal-problema tal-vjolenza domestika f'Malta. Il-Kummissjoni tħoss li biex tilħaq l-għan tagħha fil-ġlieda kontra l-vjolenza domestika, jeħtieġ li taħdem ma' oħrajn. Dan għandu jsir bil-fiduċja u l-kollaborazzjoni ta' kulħadd, filwaqt li tiġi kkunsidrata l-kultura tal-pajjiż kif ukoll r-reliġjon kattolika. F'qasir żmien, il-Kummissjoni rnexxilha żżid l-għarfien tal-membri tagħha u stħarġet kif tista' żżid il-livell ta' għarfien fost il-professjonisti. Wara laqgħat li kellha ma' l-Appoġġ, u mad-*Domestic Violence Workers' Forum*, il-Kummissjoni bdiet tħares lejn l-aspetti ta' provvediment ta' servizzi. Dan bdiet tagħmlu bit-twaqqif tas-Sotto-kumitat li se jkun magħmul minn rappreżentanti mill-Kummissjoni, Appoġġ u organizzazzjoniet mhux governattivi li huma nvoluti f'dan il-qasam. Bdiet tistabbilixxi kuntatt mal-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali, filwaqt li bdiet tiddiskuti kif tista' ssaħħaħ il-ġbir ta' l-informazzjoni u ta' l-istatistika dwar il-vjolenza domestika. Dawn id-diskussjonijiet jinkludu wkoll it-twaqqif ta' sotto-kumitat dwar ir-riċerka u l-informazzjoni. Matul din is-sena sar ħafna xogħol, biex il-Kummissjoni setgħet tistabilixxi ruħha. Dan jawgura tajjeb għas-sena d-dieħla u għall-futur.